31994R3239

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3239/94
tal-21 ta' Diċembru 1994
li jemenda diversi Regolamenti fis-settur tal-bajd u l-laħam tat-tjur fid-dawl ta' l-adeżjoni ta' l-Awstrija, i-Finlandja u l-Isvezja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi, skond l-Artikolu 169 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tan-Norveġja, l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, għandhom jiġu addottati r-Regolamenti li ġejjin fis-setturi tal-bajd u l-laħam tat-tjur: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1868/77 tal-25 ta' Lulju 1977 li jistabilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2782/75 dwar il-produzzjoni u l-*marketing* tal-bajd tat-tfaqqis u tal-flieles tat-tjur ta' l-irziezet ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2773/90 ([2]); ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1274/91 tal-15 ta' Mejju 1991 li jdaħħal regoli dettaljati sabiex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 dwar ċerti standards għall-*marketing* tal-bajd ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1259/94 ([4]); ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1538/91 ta' l-5 ta' Ġunju 1991 li jdaħħal regoli dettaljati sabiex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1906/90 dwar ċerti standards għall-*marketing* tat-tjur ([5]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1026/94 ([6]);

Billi l-Isvezja beħsiebha tieħu miżuri biex tipposponi l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2782/75 ([7]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1057/91 ([8]), tar-Regolament (KEE) Nru 1906/90 ([9]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3204/93 ([10]), u tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 ([11]), kif emendat bir- Regolament (KEE) Nru 2617/93 ([12]), sa l-1 ta' Jannar 1997 skond l-Artikolu 167 ta' l-Att;

Billi, skond l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni, l-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea jistgħu jadottaw il-miżuri riferiti fl-Artikolu 169 ta' l-Att qabel l-adeżjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 1868/77 jiġi emendat kif ġej:

— "fl-Artikolu 1(1), jiġi miżjud li ġej:

AT għall-Awstrija,

FIN għall-Finlandja,

SE għall-Isvezja.";

— "fl-Anness II, li ġej jiġi miżjud man-nota f'qiegħ il-paġna ([1]):

l-Awstrija: reġjun wieħed biss,

il-Finlandja: reġjun wieħed biss,

l-Isvezja: reġjun wieħed biss."

2. Ir-Regolament (KEE) Nru 1274/91 jiġi emendat kif ġej:

— "fl-Artikolu 4(2), jiġi miżjud li ġej:

l-Awstrija 13

il-Finlandja 14

l-Isvezja 15";

— "fl-Artikolu 14(1), jiġi miżjud li ġej:

— Parasta ennen

— Bäst före",

— "fl-Artikolu 15, jiġi miżjud li ġej:

— Pakattu

— Förpackat den";

— fl-Artikolu 18(1), jiġi miżjud li ġej:

taħt il-(a):

"— Ulkokanojen munia	— Ulkokanalasta
— Ägg från utehöns.	— Utehöns.",

taħt il-(b):

"— Ulkokanojen munia, voimaperäinen tuotanto	— Ulkokanalasta voimaperäinen tuotanto
— Ägg från utehöns, intensivt	— Utehöns int.",

taħt iċ-(ċ):

"— 'Lattiakanojen munia'	— Lattiakanalasta
— Ägg från golvhöns	— golvhöns.",

([1]) ĠU L 209, tas-17.8.1977, p. 1.
([2]) ĠU L 267, tad-29.9.1990, p. 25.
([3]) ĠU L 121, tas-16.5.1991, p. 11.
([4]) ĠU L 137, ta' l-1.6.1994, p. 54.
([5]) ĠU L 143, tas-7.6.1991, p. 11.
([6]) ĠU L 112, tat-3.5.1994, p. 32.
([7]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 100.
([8]) ĠU L 107, tas-27.4.1991, p. 11.
([9]) ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 1.
([10]) ĠU L 289, ta' l-24.11.1993, p. 1.
([11]) ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 5.
([12]) ĠU L 240, tal-25.9.1993, p. 1.

taħt id-(d):

"— Lattiakanojen munia, voimaperäinen tuotanto	— Lattiakanalasta voimaperäinen tuotanto
— Ägg från golvhöns, intensivt	— Golvhöns, int.”;

— fl-Anness I, jiġi miżjud li ġej:

(i) fil-punt 1.:

"— parasta ennen

— bäst före.”,

(ii) fil-punt 2.:

"— pakattu

— förp. den.”,

(iii) fil-punt 3.:

"— viimeinen myyntipäivä

— sista försäljningsdag.”,

(iv) fil-punt 4.:

"— munintapäivä

— värpta den.”

3. Ir-Regolament (KEE) Nru 1538/91 jiġi emendat kif ġej:

— fl-Artikolu 14a(7), jiġi miżjud li ġej:

"— Vesipitoisuus ylittää ETY-normin,

— Vattenhalten överstiger den halt som är tillåten inom EEG.”,

— fl-Anness I, II u III, jiġu miżjuda l-ismijiet u t-termini elenkati fl-Anness ma' dan ir-Regolament,

— fl-Anness VIII, jiġu miżjuda l-laboratorji li ġejjin:

"L-Awstrija:	Bundesamt und Forschungszentrum für Landwirtschaft Trunnerstrasse 1-3 A—1020 Wien
Il-Finlandja:	Eläinlääkintä- ja elintarvikelaitos (EELA) Hämeentie 57, PL 368, FIN00231 Helsinki
L-Iżvezja:	Statens livsnedelsverk Box 622 S-75126 Uppsala”.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995 bla ħsara għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tan-Norveġja, l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja.

L-applikazzjoni tar-Regolamenti (KEE) Nru 1868/77, (KEE) Nru 1274/91 u (KEE) Nru 1538/91 fl-Isvezja għandha tiġi posposta sa l-1 Jannar 1997.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil- 21 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

"L-ANNESS I

L-ARTIKOLU 1.1 — L-ISMIJIET TA' KARKASSI TAT-TJUR

	D	FIN	SE
1.	Masthuhn	Broileri	Kyckling, Slaktkyckling (*broiler*)
2.		Kukko, kana	Tupp, höna, gryt- eller kokhöna
3.		Chapon (syöttökukko)	Kapun
4.		Kananpoika, kukonpoika	Poussin, Coquelet
1.		(Nuori) kalkkuna	(Ung) kalkon
2.		Kalkkuna	Kalkon
1.		(Nuori) ankka, (Nuori) myskiankka	(Ung) anka, ankunge, (ung) mulardand, (ung) myskand
2.		Ankka, myskiankka	Anka, mulardand, myskand
1.	Jungmastgans	(Nuori) hanhi	(Ung) gås, gåsunge
2.		Hanhi	Gås
1.		(Nuori) helmikana	(Ung) pärlhöna
2.		Helmikana	Pärlhöna

L-ARTIKOLU 1.2 — L-ISMIJIET TAL-PARTIJIET TAT-TJUR

	D	FIN	SE
(a)		Puolikas	Halva
(b)		Neljännes	Kvart
(ċ)		Takaneljännes	Bakdelspart
(d)		Rinta	Bröst
(e)		Koipi-reisi	Klubba
(f)	Hühnerkeule mit Rückenstück	Koipi-reisi, jossa selkäosa	Kycklingklubba med del av ryggben
(g)		Reisi	Lår
(h)		Koipi	Ben
(i)		Siipi	Vinge
(j)		Siivet kiinni toisissaan	Sammanhängande vingar
(k)	Filet	Rintafile'	Bröstfilé
(l)		Rintafile' solisluineen	Bröstfilé med nyckelben
(m)		Magret, maigret	Magret, maigret

L-ANNESS II

L-ARTIKOLU 9 — IL-METODI TA' L-IFFRIŻAR

	FIN	SE
1.	Ilmajäähdytys	Luftkylning
2.	Ilmasprayjäähdytys	Evaporativ kylning
3.	Vesijäähdytys	Vattenkylning

L-ANNESS III

L-ARTIKOLU 10.1 — IT-TIPI TA' BIEDJA

	FIN	SE
(a)	Ruokittu … % … Kauralla ruokittu hanhi	Utfodrad med … % … Havreutfodrad gås
(b)	Laajaperäinen sisäkasvatus	Extensivt uppfödd inomhus
(ċ)	Ulkoilumahdollisuus	Tillgång till utomhusvistelse
(d)	Ulkoiluvapaus	Traditionell utomhusvistelse
(e)	Vapaa kasvatus	Uppfödd i full frihet"